**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 711/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**SVETLIN ASENOV DAKOV**

**Illum, 4 ta' Dicembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **SVETLIN ASENOV DAKOV** detentur tal-Karta tal- Identita` Numru 39660A, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-24 ta' Novembru 2019 ghall-habta tas-1.00 a.m. u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa 11, St. Andrew's Court, Flat 8, Triq H. Calleja Schembri, Msida:-

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Slavka Alekova Dakova biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra dixxendenti/axxendenti taghha;

2. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Slavka Alekova Dakova kif iccertifikat minn Dr. Alexander Paul Grima reg. 4137 tal-Isptar Mater Dei;
3. Ukoll talli ghamel ingurji jew theddid lil martu Slavka Alekova Dakova mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mi-limiti ta-provokazzjoni;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Slavka Alekova Dakova billi jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat, li wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2019 fejn irrevokat *contrario imperio* l-ordni moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Novembru 2019 sabiex il-proceduri jinstemghu bil-lingwa Ingliza, u ordnat li l-proceduri jinstemghu bil-lingwa Maltija;

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2019 gie mahtur interpretu guramentat sabiex jittraduci l-proceduri mil-lingwa Ingliza ghal-lingwa Bulgara, filwaqt li l-Qorti ttraduciet hija stess il-proceduri mil-lingwa Maltija ghal dik Ingliza;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-4 ta' Dicembru 2019 l-imputat irregistra ammissjoni tal-htija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu fic-citazzjoni;

Il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi tatu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu il-piena erogabbli ghal kull wiehed mir-reati li jinsab mixli bihom u kienet sodisfatta illi huwa fehem l-import tal-ammissjoni tieghu;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fl-4 ta' Dicembru 2019 ammetta bla rizerva ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi dan huwa kaz ta’ vjolenza domestika. Minn dak li gie sottomess waqt it-trattazzjoni, l-imputat jidher li ghandu problema tal-vizzju tax-xorb u jehtieg li jinghata kura ghal din il-problema, oltre li gie affermat mid-difiza illi l-imputat huwa dispost illi johrog mir-residenza matrimonjali u jfittex residenza alternattiva stante illi sejrin jinbdew proceduri ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Gie sottomess ukoll mill-Prosekuzzjoni illi fic-cirkostanzi, ir-riskju ta’ hsara ghas-sigurta` tal-parte civile, Slavka Alekova Dakova, huwa wiehed gholi, ghaliex anke kif jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat, l-incident li gara fil-lejl bejn it-23 u 24 ta’ Novembru 2019 ma kienx l-ewwel incident fejn effettivament l-imputat refa’ idejh fuq l-istess martu f’perijodu ta’ xahar. Ghalhekk, anke minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, ir-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni jirrizulta ghaliex mill-atti jidher li hemm xejra ta’ *a course of conduct* fejn kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda fejn il-vittma giet imgieghla tibza’ minhabba l-imgieba tal-imputat. Tant hu hekk illi f’dan l-incident odjern, jirrizulta illi effettivament, il-parte civile soffriet griehi *inter alia* fuq wiccha, u dan kif kostatat fic-certifikat mediku Dok. SAD3. L-imputazzjonijiet l-ohra kollha huma ta’ natura kontravvenzjonali.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta’ htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fi stadju bikri tal-kumpilazzjoni, il-fedina penali kompletament netta tal-imputat u l-fatt illi l-imputat indika li huwa dispost li ma jibqax jghix taht l-istess saqaf ma’ martu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma tqisx illi l-piena ta’ prigunerija, u lanqas dik tal-multa kif kontemplata fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9, ma huma idonei bhala piena f’dan il-kaz. Minflok, mehud qies ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha, fosthom il-fatt illi dan l-incident seta’ kien rizultat ta’ vizzju li jehtieg li jigi indirizzat mill-imputat, hija tal-fehma illi minflok taghti sentenza dwar il-hati, taghmel ordni ta’ *probation* billi hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-imputat minn ufficjal

tal-*probation* tkun mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tieghu u li jigi prevenut l-ghemil ta' reati oħra.

Inoltre, il-Qorti tqis li ghandha f'kull kaz tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Slavka Alekova Dakova billi tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 222A(7), 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil SVETLIN ASENOV DAKOV hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation sabiex il-hati jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* ghal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'inhu l-effett tal-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u dan wara illi l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet tal-Ordni ta' Probation.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Slavka Alekova Dakova, il-Qorti qieghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati, taht il-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghtija kontestwalment, u dan ghal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**